MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Numru 724/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Maria Dolores Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Dolores Camilleri, ta’ 58 sena, bint il-Mejjet John Mary Vella u Guzeppa Cachia, imwielda nhar l-20 ta’ Jannar 1950 fin-Naxxar, detentrici ta’ karta tal-Identita bin-numru 141650(M) u toqghod Qalb ta’ Gesu Triq Manwel Bonnici, Burmarrad.

Billi giet akkuzata talli nhar is-7 ta' Awwisu 2008 ghall-habta ta' 0600am gewwa Triq Patri Wistin Magro, Burmarrad bil-hsieb li tikkometti delitt uriet dan il-hsieb b'atti esterni u taghat bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ittantat li tikkaguna ferita gravi, bi strument li jaqta' jew inigezz, fuq il-persuna ta' zewgha Guzeppi Camilleri liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew mill volonta ta' Maria Dolores Camilleri u dan ai terminu tal-Artikoli 41, 214, 216(1)(a)(b), u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi ikkagunat feriti hfief fuq il-persuna ta' zewgha Guzeppi Camilleri, skond kif iccertifika Dr. Kelvin Cortis Med Reg 3132 u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebbet ghall-zewgha Guzeppi Camilleri sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmillu l-hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Burmarrad volontarjament kisret il-bon –ordni jew il-kwiet public b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kienet fil-pusses u garret strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta ta' Giuseppi Camilleri u, tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-vittma skond l-artikolu 412C tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li f'kaz ta' htija torbot lil akkuzata b'obbligazzjoni taghha innifsha taht penali ta' somma flus li tigi iffissatha kif jidhrilha xieraq din l-Onorabli Qorti u dan

ai terminu tal-artikolu 383(1)(2)(3), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok CMP1 u nnutat li l-imputata Maria Dolores Camilleri m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-llum l-imputata, fil-presenza tal-avukat difensur taghha, iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taggha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni tagha jew le, l-imputata fil-presenza tal-avukat difensur taghha, regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum is-Supretendent Mario Bonello ghall-Prosekuzzjoni, stante li hu konsapevoli li llum l-imputata u zewgha Giuseppi Camilleri m'ghadhomx jirrisjedu fl-istess fond, jiddikjara li l-Prosekuzzjoni ma tinsistix ghat-talba taghha kontenuta fl-Akkuza fejn il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tipprovdi ghas-sigurta' ta' Giuseppi Camilleri u tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-vittma a tenur ta' l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-istess Supretendent Mario Bonello ghall-Prosekuzzjoni talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba, u inoltre jiddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda zzomm

ferm it-talba taghha kontenuta fl-Akkuza a tenur ta’ l-artikolu 383 (1),(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 41, 214, 216(1)(a) u (b), 217, 221, 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 u l-art. 6 u 51(7) tal-Kap. 480.

Issib lill-imputata Maria Dolores Camilleri, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza il-fedina penali netta ta’ l-imputata, tillibera lill-istess imputata Maria Dolores Camilleri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputata Maria Dolores Camilleri ghall-piena ta’ erba’ mija u sitta u sittin Euro (Euro 466) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-oggett esebit bhala Dok. CMP(2) (sikkina).

Il-Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mis-Supretendent Mario Bonello rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fl-Akkuza fejn il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Giuseppi Camilleri u tohrog ordni ta’ protezzjoni fil-konfront tal-vittma a tenur ta’ l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant l-istess Supretendent Mario Bonello ghall-Prosekuzzjoni talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba, u inoltre iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda zzomm ferm it-talba taghha kontenuta fl-Akkuza a tenur ta’ l-artikolu 383 (1),(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fl-Akkuza ghal hrug ta’ ordni ta’ protezzjoni fil-konfront tal-vittma a tenur tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Mara Dolores Camilleri b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) li zzomm il-kwiet ma' Giuseppi Camilleri u li zzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Dolores Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------